MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Numru 192/2008

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)
vs
Ludwig Bugeja

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 113276(M) akkuzat talli:

1. nhar il-5 ta’ Marzu 2008 gewwa Pjazza San Luqa, l-Pietà ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien ghamel jew li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu, jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u cioé ta’ PC 1589 Tariq Shaikh u PC 317 Paul Louis Attard u dan bi ksur ta’ artikoli 95 u 96 tal-Kap 9;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkawza ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 1589 Tariq Shaikh u

dan skond kif iccertifika Dr. Bjorn M. Buhagiar MD mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana u dan bi ksur ta' artikolu 221 tal-Kap 9;

3. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq PC 1589 Tariq Shaikh u dan waqt li kien qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBB 814 ta' l-ghamla Hyundai Pony, u dan bi ksur tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kap 9;

4. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer saq vettura b'numru tar-registrazzjoni KBB 814 ta' l-ghamla Hyundai Pony, b'manjiera perikoluza u traskurata fid-direzzjoni ta' PC 1589 Tariq Shaikh u PC 317 Paul Louis Attard u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15(1)(a)(2), 18(2) tal-Kap 65. Ghaldaqstant il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tissospendi lil Ludwig Bugeja milli jzomm kwalunkwe xorta ta' licenzja tas-sewqan;

5. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ma kienx kopert b'polza ta' sigurta dwar terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap 104. Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmi persuna jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux inqas minn 11-il xahar;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor indahal fid-dmirijiet taghhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recediv b'sentenzi datati 25/09/1998 moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Malta, 10/09/2003 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta Dr. J. Cassar LL.D u 06/12/2005 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat f'din l-udjenza jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi li qieghed jiffaccja l-akkuzat huma segwitu ta' argument li hu kellu hdejn ic-Centru tad-Detox ma' missier it-tfajla meta dan insista li l-akkuzat ihalsu ta' citazzjoni li kien qala l-akkuzat waqt li kien qed isuq il-vettura ta' missier it-tfajla.

Fl-istqarrija tieghu l-akkuzat ammetta li zbalja meta injora l-ordni tal-Pulizija li ma jsuqx u minflok saq. Ma jafx però li meta saq laqghat wiehed miz-zewg Pulizija u ghamillu ferita hafifa f'idu. Ammetta li ma kellux assikurazzjoni u lanqas licenzja li tkopri l-karozza.

Dawn il-fatti mhux kontestati ser jittiehdu in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena.

Intant l-akkuzat irregistra ammissjoni volontarja u inkondizjonata.

Fuq tali ammissjoni tiddikjarah hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 95, 221 (1) (c), 17, 49 u 50 tal-Kap 9 u l-Artikolu 15(1) (a) (2), 18(2) tal-Kap 65.

Tiddeciedi li tapplika kontra l-akkuzat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggih taht ordni ta' probation ghall-zmien tlett snin mil-lum. Tikkundannah oltre multa komplessiva ta' €2330 li qeghda tikkoncedi li jithallsu b'pagamenti ta' €50 fix-xahar, sussegwenti u konsekuttivi u bid-dekadenza taz-zmien fin-nuqqas ta' xi pagament konvertibbli kull bilanc dovutf'prigunerija bir-rata ta' €11.64 kull jum. L-ewwel pagament isir f'dak ix-xahar immedjatament wara li l-akkuzat ikun skonta l-prigunerija inflitta lilu minn sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------